# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 11 ta' Jannar 2022**

Appell numru 54/2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nicholas CATANIA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell magħmul minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Nicholas Catania (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 148882M) li ġie mixli talli Fid-9 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tas-2.30am u'jew ħinijiet qabel, fi Triq Xintill Ħal Tarxien u/jew f'dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq batterija u/jew oġġetti minn vettura tal-għamla Isużu numru ta' reġistrazzjoni GBG 689 liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun aggravat bil-ħin, mezz, lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li kieku sar kien ikun għad-detriment ta' Joseph Cutajar minn Ħal Tarxien u/jew persuni oħra. U iktar talli rrenda ruħħu reċediv.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fuq ammissjoni sabet lill-

imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu sittax-il xahar priġunerija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant CATANIA appella minn din is-sentenza, limitatament dwar il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fir-rigward tal-piena nflitta u dan wara li stqarr li ma ngħatax id-debita konsiderazzjoni għall-fatt li
   (a) huwa ammetta l-ħtija tiegħu fi stadju bikri tal-proċeduri;
   (b) huwa jbati mill-vizzju tad-droga;
   (c) huwa dispost jidħol f'program residenzjali biex jegħleb il-problema serja ta' droga li għandu.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar id-9 ta' Novembru 2017 il-Pulizija ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid irċevew rapport mingħand ċertu Joseph Cutajar li għal ħabta tas-2.30am fi Triq Xintill ġewwa Ħal Tarxien, hekk kif hu kien sejjer jistartja l-vann tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni GBG 689, rah jiċċaqlaq. Hekk kif intebaħ li kien hemm persuna fin-naħa ta' wara tal-vann tiegħu, huwa sakru ġewwa u ċempel lill-Pulizija. Fuq il-post marru diversi uffiċjali tal-Pulizija u kif feħtu l-vann sabu lill-persuna li identifikaw bħala Nicholas CATANIA. Il-Pulizija setgħu jinnutaw li CATANIA kellu ftit tad-demm ma' idejh. Setgħu jinnutaw ukoll li l-katnazz tal-bieba tal-ġenb tal-vann ta' Cutajar kien nieqes minn fejn CATANIA kien daħal fil-vann kif ukoll kien hemm pipe maqtugħ u kien hemm xi ħsarat ukoll fil-batterja tal-vettura.

5. B'dan il-każ kien ġie infurmat il-Maġistrat tal-Għassa li ordna sabiex CATANIA jittieħed il-lock-up tal-Pulizija. Il-Pulizija tad-Distrett infurmat is-sezzjoni tal-SOCO fejn PS 336 u PC 122 elevaw samples tad-demm li nstab fuq l-imsemmi vann u xi impronta diġitali sabiex jiġu analizzati. CATANIA ġie mogħti d-dritt tal-assistenza legali fejn wara li kkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu, huwa rrilaxxja stqarrija mal-Pulizija.

6. CATANIA tressaq il-Qorti nhar il-5 ta' Frar 2018 mixli b'attentat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin, mezz, lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u kien ukoll addebitat ir-reċediva. Dakinhar stess, l-appellant CATANIA irreġistra ammissjoni volontarja u nkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. L-appellant kien debitament assistit u wara li ngħata żmien sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, huwa reġa tennieha bil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jkollhiex triq oħra hlief li ssib lill-imputat qua appellant ħati u għaddiet sabiex tikkundannah għal sittax-il xahar priġunerija.

**Ikkunsidrat**

7. Illi nhar il-15 ta' Frar 2018, l-appellant CATANIA intavola appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fil-konfront tiegħu fejn huwa kkontesta il-piena ta' sittax -il xahar ħabs li ġiet inflitta wara li huwa rreġistra ammissjoni skont il-Liġi.

8. Huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more

recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

9. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :
    a. għall-offiża in kwistjoni u
    a. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika**

**ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

10. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

11. Mill-banda l-oħra, din il-Qorti trid tqis ukoll ġurisprudenza oħra li tenniet li appell minn piena f'każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx hekk tirrientra fil-parametri legali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

12. Illi in linea ma' dan l-insenjament din il-Qorti tqis illi l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' sittax -il xahar priġunerija effettivi tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi b'applikazzjoni tal-Artikoli 278(1)(3), 41(a), 20 u 31 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti tosserva wkoll li fuq ammissjoni nkondizzjonata tal-imputat qua appellant il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant il-piena kkominata ta' sittax-il xahar ħabs tirrifletti wkoll żieda bi grad fi skali ta' piena ai termini tal-Artikolu 31 tal-isemmi Kodiċi.

13. L-appellant jargumenta li meta l-Qorti tal-Maġistrati imponiet sittax-il xahar ħabs, hija ma kkunsidratx (i) l-ammissjoni bikrija tal-appellant u (ii) il-fatt li l-appellant jbati mill-vizzju tad-droga u li huwa dispost jidħol f'programm residenzjali.

14. Rigward l-ewwel punt, din il-Qorti tistqarr li l-fatt li ammissjoni tkun saret fi stadju bikri tal-proċeduri ma jfissirx illi l-imputat għandu dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk stqarret il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

15. Mistqarra dan il-prinċipju, minn qari akkurat tas-sentenza appellata jirriżulta pero' li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat qua appellant meta ġiet biex tinfliġġi l-piena tant li semmiet bl-aktar mod ċar, f'paġna 20 tal-proċess li hija kienet ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-appellant fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u rat li l-ammissjoni tal-imputat appellant fiċ-ċirkostanzi kienet timmerita temperament fil-piena.

16. F'dan l-istadju mhux kompitu ta' dil-Qorti issa li twieżen kemm il-kwantum tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kinitx tirrifletti dik ir-riduzzjoni li ppretenda l-appellant meta huwa kien irreġistra l-ammissjoni tiegħu. Dan għaliex kif diġa ngħad aktar 'l fuq

mhux talli ammissjoni bikrija ma jfissirx tnaqqis fil-piena b'mod awtomatiku; iżda l-Liġi Maltija l-anqas ma tippreskrivi regola dwar b'kemm għandu jkun dan it-tnaqqis fil-piena fl-eventwalita' li l-Qorti tagħżel li tapplika din ir-riduzzjoni fil-piena. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fuq dan il-punt.

17. L-appellant jargumenta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma wieżnitx il-fatt li huwa kien afflitt minn problemi ta' droga. Qabel xejn jingħad bla tlaqlieq li din il-Qorti ma taqbilx mal-idea li bdiet issir komuni dawn l-aħħar snin li għax persuna tkun tabbuża mid-droga u tikkommetti reati kriminali, bħal serq eċċetra, allura l-fatt li jkollha problema tad-droga tiġi wżata bħala xi forma ta' skużanti għal għemilha jew strataġemma għal riduzzjoni fil-piena. Bid-dovut rigward, persuna li tabbuża mid-droga tkun qegħda tikser il-Liġi b'dak il-fatt waħdu. Din il-Qorti taqbel li min jagħmel dan, safejn huwa possibbli, għandu jingħata l-opportunita li jinfatam mill-problema tad-droga li, fl-aħħar mill-aħħar, fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet, ikun daħal fiha hu għax ried u mhux għax ikun bellagħhielu ħaddieħor. Din il-Qorti, bil-provi – f'diversi sentenzi tagħha - ippruvat, fejn legalment u raġonevolment setgħet, tagħti l-possibilita lil min ikun abbuża mid-droga li jirrijabilita ruħu. Iżda b'dan kollu ma jfissirx li din il-Qorti taqbel mal-idea li għax persuna tkun ikkommettiet reati waqt li kienet maħkuma mid-droga allura l-fatt li kienet tabbuża mid-droga jwassal għal xi forma ta' skużanti jew bħala bażi għal riduzzjoni fil-piena għal reati kriminali oħra kommessi minnha.

18. Mistqarr dan, ma jirriżultax li l-appellant kien ġibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li huwa kellu l-vizzju tad-droga u lanqas ma wera x-xewqa li jibda programm riabilittattiv. In oltre, sal-mument illi huwa rreġistra l-ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-unika referenza li seta' kien hemm għall-vizzju tad-droga kien fl-istqarrija tal-appellant stess f'liema stqarrija huwa, f'paġna 17 jiċħad li kellu l-vizzju tad-droga jew xi vizzju ieħor. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li qal l-appellant, dan mhux każ ta' fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tatx widen għall-problemi tad-droga li huwa jgħid li kien afflitt bihom iżda każ fejn huwa stess qatt ma ammetta quddiemha li kien hekk maħkum u li kellu bżonn l-għinuna. Fi kwalunkwe każ, f'dan l-istadju din il-Qorti kienet laqgħet it-talba sabiex jitħejji pre-sentencing report fejn l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina, fost oħrajn, indirizzat il-problema psiko-soċjali tad-droga tal-appellant u għaldaqstant ma jistax jingħad li l-problema tad-droga tiegħu ma ġietx ikkunsidrata tal-inqas fi stadju

appell u dan b'rabta mat-talba tiegħu għar-reviżjoni tal-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

19. Mir-rapport tal-uffiċjal tal-Probation toħroġ stampa ċara ta' persuna li xelfet difrejha mal-ġustizzja diversi drabi primarjament għaliex għandha problemi ta' natura soċjali u li kienet ukoll afflitta wkoll mill-problema tad-droga. Jirriżulta li CATANIA beda jagħmel użu mill-kannabis minn eta' żgħira u dan l-użu ppersista tul iż-żmien. Anzi, jidher li oltre għall-kannabis, żied jieħu droga oħra meqjusa bħala droga stimulanti. Mill-mewt ta' ommu 'l hawn, jiġifieri mis-sena 2014, il-vizzju tad-droga tal-appellant sar wieħed akut tant li wasslet lill-appellant sabiex jaqbad ċirku vizzjuż ta' kriminalita' u ġie anki kkundannat b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali tagħna. L-Uffiċjal tal-Probation osservat kif minkejja li l-appellant għandu l-volonta' sabiex jibda jirriabilita ruħħu mid-droga, kull meta huwa beda programm u ma kinx ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, huwa ma jkomplix isegwieh u jibqa' jippersisti fit-triq il-ħażina. Mill-banda l-oħra, meta huwa jkun qiegħed fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, jirriżulta li l-appellant iġib ruħħu tajjeb u anki jżomm kuntatt frekwenti mal-keyworker tal-Aġenzija Appoġġ li tkun hekk assenjata lilu sabiex tgħinnu jegħleb il-vizzju tad-droga.

20. Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Uffiċjal tal-Probation wasluha sabiex tissuġġerixxi li fl-eventwalita' li din il-Qorti tħoss li għandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-appellant għandu jingħata sentenza ta' priġunerija iżda li flimkien mal-piena ta' priġunerija għandha tinħareġ Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. Din il-Qorti rat li mir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation jirriżulta li għalkemm l-appellant jilmenta mill-vizzju tad-droga li spjega lill-istess Uffiċjal tal-Probation, mill-banda l-oħra fil-passat huwa ftit wera ħeġġa biex jinqata' minn dan il-vizzju u jsegwi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni bis-serjeta. Il-kuntatt tiegħu mal-Aġenzija Sedqa kien sporadiku filwaqt li meta fl-2019 huwa kien qiegħed taħt programm ta' disintossifikazzjoni biex jidħol għal-programm, huwa spiċċa biex waqfu ħeżrem. Mill-banda l-oħra, kemm dam fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jidher li huwa rabba l-kuraġġ u beda jżomm ftit aktar kuntatt frekwenti mal-keyworker tiegħu. F'dan is-sens dil-Qorti taqbel li jekk l-appellant għadu maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga, huwa għandu jiġi mgħejjun fil-limiti ta' dak li tipprovdi l-Liġi.

22. Skont l-Uffiċjal tal-Probation, sakemm l-appellant kien jingħata pieni alternattivi għal dawk ta' priġunerija huwa ma rnexxilux jegħleb il-vizzju tad-droga u baqa' jippersisti fil-kriminalita. Mill-banda l-oħra jidher li meta huwa jkun qiegħed f'ambjent ikkontrollat bħalma hu dak tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, huwa ma jurix imġieba problematika u addirittura jikkopera mal-awtoritajiet sabiex jifdi lilu nnifsu mill-problema tad-droga.

23. Kif din il-Qorti stqarret iktar 'il fuq, il-piena ta' sittax -il xahar ħabs la kienet żbaljata fil-prinċipju u lanqas ma kienet manifestament eċċessiva, u addirittura kienet iktar tqarreb lejn il-minimu milli lejn il-massimu li jikkontempla l-Kodiċi Kriminali għar-reat li tiegħu l-appellant ammetta l-ħtija. Din il-Qorti tqis li, minn dak li rriżultalha mir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation, f'dan l-istadju ta' ħajjet l-appellant ikun aktar għaqli għalih li jingħata sentenza ta' priġunerija li tkun biżżejjed sabiex jekk ikun irid, u jekk ikun jikkwalifika għaliha, l-appellant ikun jista' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. F'dan is-sens allura din il-Qorti tqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation jimmeritaw li jiġu milqugħa.

24. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti trid li tinċentiva lill-appellant biex isegwi programm residenzjali iżda fl-istess waqt li dan ma jsirx mingħajr ma ssir ukoll Ġustizzja mal-vittma tar-reat u s-soċjeta li ġew offiżi bir-reat kommess minnu. F'dan is-sens għalhekk sejjer ikun hemm temperament ċkejken fil-piena sabiex filwaqt li l-piena tingħata aktar qrib tal-minimu, fl-istess waqt tkun twila biżżejjed sabiex, jekk l-appellant ikun irid u jikkwalifika, jkun jista' jsegwi wkoll programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

# Deċide

Konsegwentement, il-Qorti qegħda tilqa' dan l-appell in parti billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant għar-reat li ġie mixli bih u dan stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu, mill-banda l-oħra tvarja s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn imponiet il-piena ta' sittax -il xahar priġunerija u minflok timponi piena ta' priġunerija ta' erbatax-il xahar kif ukoll a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi

lill-appellant Nicholas CATANIA taħt Ordni ta' Trattament għal żmien ta' tlett snin mil-lum sabiex jingħata l-għinuna kollha neċessarja sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u jingħata assistenza psikoloġika sabiex ikun jista' jindirizza s-saħħa mentali tiegħu jekk hekk ikun meħtieġ.

Il-Qorti qiegħda wkoll tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex, safejn huwa legalment possibbli, tikkonsidra pożittivament kwalunkwe talba tal-appellant fil-każ li huwa jkun irid jibda programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga matul il-permanenza tiegħu fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**
(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)**

**Illum: 11 ta' Jannar 2022**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Nicholas CATANIA**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Nicholas CATANIA** detentur tal-karta tal-identita' numru 148882M u residenti Binja Hesri, Ent G, Flat 1, Triq Dun Anton Vella, s-Siġġiewi ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħati wera li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Nicholas CATANIA** detentur tal-karta tal-identita' numru 148882M u residenti Binja Hesri, Ent G, Flat 1, Triq Dun

Anton Vella, s-Siġġiewi jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data ta' din is-sentenza b'dan li għandu jwettaq kemm jista jkun malajr programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-dipendenza u abbuz mid-droga u jingħata għinuna psikoloġika skont il-każ, u dan taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. It-Trattament jinkludi dawk it-trattamenti, programmi u jew miżuri kollha li l-Uffical Sorveljanti maħtur bis-saħħa tas-sentenza, skont iċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom l-appellant, jidhirlu l-aktar adattat għall-ħati sabiex jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi nonche li jirrijabilita ruħu kompletament u b'suċċess mill-vizzju tad-dipendenza u tal-abbuż tad-droga;

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti maħtur jew Awtorita oħra skont il-Liġi u li jżomm dak il-kuntatt meħtieġ mal-istess Uffiċjal maħtur lilu jew ma kull persuna oħra rakkomandata lilu mill-istess Uffiċjal jew Awtorita oħra skont il-Liġi skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni li jkun jinsab fiha l-ħati minn żmien għal żmien;

3. Li l-Uffiċjal Sorveljanti maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati mat-tlestija tal-programm/trattament mogħti lill-ħati;

4. Il-ħati għandu javża immedjatament lil-Uffiċċjal Sorveljanti b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-istat jew indirizz residenzjali tiegħu;

5. Il-ħati ghandu jissottometti ruħu għal "urine test" jew kwalunkwe test ieħor li l-Uffiċjal Sorveljanti jew Awtorita oħra skont il-Liġi jħossu li huwa meħtieġ sabiex jigi verifikat jekk ikunx abbuża minn xi droga, liema test għandu jsir mingħajr preavviż u għall-għarrieda u dan minn meta jkun indikat lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti jew Awtorita oħra skont il-Liġi.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati, lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-Probation u Parole nonche lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. **F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal tal-Probation quddiem il-Qorti kompetenti**.

**Nicholas CATANIA**

**Christianne Borg, Dep. Reġ.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**